takki ta' l-ajru mill-għadu u, għalhekk, bil-ħaqq kollu għoġbu jżejjinha bid-Dekorazzjoni tal-''George Cross''.

Aħna, madankollu, bħalma għożżejna ż-żjajjar tar-Renjanti ta' qabel li swew ta' bosta ġid biex żammew sħiħa r-rabta ta' fedeltà u ftehim bejn il-Kuruna Ingliża u l-Maltin, hekk ukoll nibqgħu ngħożżu wisq iżjed iż-żjajjar tar-Reġina Eliżabetta f'dawn il-Gżejjer, issa iktar u iktar li fl-Inkoronazzjoni tagħha kellna l-pjaċir nieħdu sehem hekk kbir u ta' ġieh fost in--nazzjonijiet l-oħra tad-Dominji u Kolonji Ingliżi, u li nħossu kliemha jidwi fil-qalb tagħna, jistqarr quddiem Alla u l-Bnedmin li bil-għajnuna tas-Sema Hija biħsiebha ssaltan bil-ħaqq u bis-sinċerità għall-ġid tas-sudditi tagħha kollha, jiġifieri wkoll ta' Malta u l-Maltin— għax għalkemm Malta hija l-iktar ċkejkna fost l-artijiet l-oħra li qegħdin taħt il-ħarsien tal-Bandiera Ingliża, hija waħda mill-egħżeż ġawhriet fil-Kuruna fuq ras ir-Reġina tagħna Eliżabetta, li Alla jibqa' jżomm idejh fuqha, u jseddaqha fir-rieda tajba tagħha għall-ġid ta' Pajjiżha u ta' l-Imperu.

---

## MADRIGALE

**Lil wieħed Saċerdot Karmelitan**
**f'egħluq il-ħamsa u għoxrin sena ta' l-Ewwel Quddiesa tiegħu.**

*Ta'* BENEDITT M. CARUANA, O.CARM.

Bil-ħlewwa tal-għasel li jqattar
Minn fommha sejħitlek Marija,
Għax riedet l-imħabba fik tkattar
U t-tjieba: kont għadek tarbija;
U b'qalbek mixgħula bil-ħrara
Weġibtha li tibqa' ma' dwarha.
X'ħin fommok imliet bl-għerf u s-sewwa(*)
Hi tatek f'idejk l-Iben tagħha
Biex qalbek, fi ġmielu, bil-ħlewwa
Titfawwar, bil-ħeġġa, bis-saħħa:
Ġesù, kif ilqajtu f'idejk,
Tak bewsa ta' sliem fuq ħaddejk.
U baqgħet din l-għaqda sabiħa
Kull sena, tul ħamsa u għoxrin,
Issawwab ġo qalbek il-fwieħa
Tal-balzmu u l-inċens imħalltin;
U jalla hekk tibqa' tithenna
Tul għomrok b'dil-fwieħa tal-Ġenna.

(*) Cfr. Malach. II, 6, 7.



## IL-MEWT TAL-KANONKU

## DUN ĠAMMARI FARRUGIA

Fil-31 tax-xahar ta' Mejju li għadda, il-Kanonku Dun Ġammarì Farrugia, għalaq għajnejh għalkollox, meta jumejn qabel kont tarah dieħel il-Belt għal fil-għaxija wara sigħat sħaħ li jkun għadda l-Knisja jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' saċerdot, li baqa' jaqdihom bir-reqqa kollha għall-bżonnijiet tar-ruħ tan-nies tal-Parroċċa tal-Ħamrun, fejn kien ilu jgħammar minn xi snin wara l-aħħar gwerra. Fil-funeral li saru l-Birgu ''Il-Għaqda'' kienet rappreżentata mill-membru tal-Kunsill Dr. A. Buttigieg, B.A., LL.D.

Ma kienx ilu ħlief xi ftit xhur minn mindu f'għeluq is-sittin sena tas-saċerdozju tiegħu, Alla għoġbu jsejjaħlu fi ħdanu u jifirdu minn fost il-bnedmin. Fl-aħħar ħarġa ta' ''IL-MALTI'' bħala tifkira ta' dik l-okkażjoni hekk solenni u għażiża aħna, għall-qima li għandna lejn il-persuna sagra tiegħu bħala wieħed middekani tas-saċerdoti Maltin, kif ukoll Lejh bħala wieħed mill-eqdem membri tal-''Għaqda'', ġibna mal-fotografija tiegħu, il-kliem sabiħ li hu kiteb u stampa u qassam lil ħbiebu fejn Hu fost l-espressjonijiet ta' radd ta' ħajr lil Alla għall-grazzja hekk kbira kien qal: ''Mal-milja ta' dawn is-sittin sena, rajt jintfew bħal imsiebaħ li xxuttalhom iż-żejt, il-ħajja ta' dawk kollha l-ħbieb fis-Saċerdozju u ta' dawk li fis-sena 1892 ixxierku miegħi fuq l-ARTAL tal-Kbir Alla, u l-lum, bqajt waħdi: l-inqas wieħed denn, fosthom''. U hekk il-musbieħ ta' ħajtu, bħal dak ta' sħabu, kellu jintefa wara li s-Sema tah il-grazzja li jkompli l-missjoni tiegħu għal żmien twil ta' 'l fuq minn Sittin Sena li f'għeluqhom, flimkien ma' ħbiebu, Huwa kellu x-xorti, jifraħ għall-aħħar darba u jrodd ħajr lil Min għoġbu jxidd il-Persuna tiegħu fuq l-Artal Imqaddes ta' l-Akbar Sagrifiċċju għas-salvazzjoni tal-bnedmin tad-Dinja.

Dun Ġammari Farrugia, wieħed mill-eqdem Membri Akkademiċi tal-''Għaqda'', kien u jibqa' wieħed mill-isbaħ figuri li żejnu l-paġni ta' l-Istorja ta' l-istess ''Għaqda'', għall-ġid li rat minnu sew bħala kontributur f'''IL-MALTI'', kemm ukoll bħala membru benefattur. Hu kien ta' għajnuna kbira sew meta ssieħeb mal-membri f'kull intrappriża tal-''Għaqda'', kunċerti, laqgħat akkademiċi u bżonnijiet oħra, kemm ukoll meta għoġbu jilqa' ġo daru lir-Reverendu C.L. Dessoulavy, Membru Onorarju